MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru 414/2003

Il-Pulizija
(Sp Nadia Lanzon)
vs
Paul Sapiano, iben Francis,
imwieled Floriana fit-28
ta' ottubru, 1947

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-3 ta' april, 2002 u fiż-żmien ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, bħala d-detentur tal-fond tal-fabbrika Amco B 09 Bulebel Industrial Estate, Żejtun ukoll bħala r-rappresentant tas-soċjeta' Allied Machinery Co. Ltd., jew bħala l-persuna li kellha f'idejha l-istess fond, b'mezzi qarrieqa, ikkometta serq ta' kurrent elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;

2. talli fl-istess żmien għamel ħsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta għal Lm21,121.80;
3. talli fl-istess żmien għamel ħsara jew kisser parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-siġilli tiegħu jew xi parati jew apparat jew is-siġilli tagħhom liema ħsara tammonta għal anqas minn Lm10 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabbilita mill-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti u senjatament mill-atti ta' l-inkjesta ma jirrizultax li l-imputat seraq l-elettriku jew għamel xi ħsara fil-gumni jew fil-meter tad-dawl.

Illi kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------